**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pio Pisani**
v

**MARIO FARRUGIA**

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO FARRUGIA** ta' hamsa w tletin sena bin Philip u Antonia nee Muscat, imwieled H'Attard nhar l-ewwel ta' Jannar, 1965 u joqghod 74, Triq Gilormu Cassar, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 42765M fil-kapacita tieghu ta' President tal-Assocjazzjoni tal-Hmistax ta' Awissu, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Awissu, 1999 f'xi hin bejn nofsinhar u s-siegha ta' wara nofsinhar, fil-post maghruf bhala Wied Hanzira, bhala l-persuna li f'ismu kellu licenzja biex jahraq loghob tan-nar tal-ajru minn dan il-lokal, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis lejn r-regolamenti

kkaguna hruq jew hassar jew gharraq xi haga u cioe magna tad-dries, liema hsara tammonta ghal madwar hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Salvu Sammut mill-Mosta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sittax ta' April, 2001, esibti a fol 24 tal-atti processwali , minn fejn jirrizulta li l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lil imputat b'reat voluntarju ta' hsara voluntarja kif kontemplat fl-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li b'mod voluntarju u b'intenzjoni generika l-imputat kkawza hsara voluntarja lil magna tad-dries ta' Salvu Sammut.

Minn esami tal-provi jirrizulta, kif fil-fatt **xehed l-Ispettur Pio Pisani** nhar l-hmistax ta' Frar, 2001, li Salvu Sammut fl-ghaxra ta' Awissu, 1999 mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u rrapporta li l-magna tad-dries, li hu kellu f'ghalqa maghrufa bhala Blata l-Gholja,

kienet inqabbditlu bin-nar u giet kompletament distrutta. Huwa ghalhekk deherlu li kellu jkellem lil imputat bhala Segretarju tal-Kazin li jahraq in-nar maghruf bhala Hmistax ta' Awissu, peress li dakinhar dan il-kazin kien qed jahraq in-nar. Jirrizulta mill-atti pero li l-licenzja ghal hruq tan-nar ta' dan il-kazin kienet harget f'isem Edmond Camilleri.

**Salvu Sammut xehed** fil-hmistax ta' Frar, 2001 u stqarr li dakinhar tal-ghaxra ta' Awissu, 1999 sab il-magna tad-dries tieghu mahruqa. Qal li dakinhar inharqu il-murtali vicin in-naha tieghu w inzertaw waqghu fl-ghalqa tieghu u ghalhekk fil-fehma tieghu il-magna nharqet bhala rizultat ta' dawn il-murtali. Huwa stqarr li l-imputat kien allegatament qallu li ser jghamel tajjeb ghal hsarat subiti minnu. Mistoqsi jekk jafx minn haraq in-nar dakinhar, Salvu Sammut wiegeb fin-negattiv w inoltre qal li sar jaf li harqu in-nar wkoll minghand terzi persuni.

In kontro ezami nhar s-sitta ta' Lulju, 2001 l-Ispettur Pio Pisani xehed li ma rrizutalhux li l-imputat dakinhar kien involut f'xi hruq ta' murtali.

Ghalhekk bir-rispett kollu il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat MARIO FARRUGIA, lanqas remotament u ghalhekk tiddikjara li ma ssibhux hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**